MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## TONIO MALLIA

Seduta tal-15 ta' Novembru, 2005

Citazzjoni Numru. 618/2005

**Carmel Schembri u Carmen Schembri**

**vs**

**A. J. Rentals Limited**

Il-Qorti:

Rat l-att tac-citazzjoni li bih l-atturi:

Is-socjeta' konvenuta kriet minghand l-atturi zewg (2) garaxxijiet fi Triq tal-Handaq, Qormi, li jisimhom *Adrian Garage* u *Claudia Garage,* u dan bis-sahha ta' skritturi privati tal-erbatax (14) ta' Ottubru elfejn u tnejn (2002) [Dok. CS1 u CS2]:

L-atturi huma kredituri tas-socjeta' konvenuta fis-somma ta' ghaxar t'elef mitejn u sitta u hamsin lira Maltin u tlieta u

tletin centezmu (Lm10,256.33) rapprezentanti arretrati ta' kera tal-garaxxijiet imsemmija, flimkien ma' l-imghax akkumulat, u dan skond il-prospetti annessi u mmarkati bhala Dok. CS3 u CS5;

Is-socjeta' konvenuta giet interpellata diversi drabi, anke permezz ta' ittra ufficcjali, sabiex thallas d-debitu taghha izda baqghet inadempjenti;

L-imsemmi kreditu tal-atturi huwa cert, likwidu u ezigibbli u, sa fejn jafu l-istess atturi, is-socjeta' konvenuta m'ghandha ebda difiza valida opponibbli f'din il-kawza kontra t-talba taghhom ghall-hlas ta' din is-somma, kif jidher mill-affidavit ta' Carmel Schembri hawn anness u mmarkat bhala Dok. CS6;

Ghalhekk jezistu l-elementi kollha rikjesti mill-ligi *a tenur* ta' l-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Talbu lis-socjeta' konvenuta tghid ghaliex din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

1. m'ghandiex dina l-Onorabbli Qorti taghti sentenza u tilqa' t-talba ta' l-atturi bla ma tghaddi ghas-smiegh tal-kawza kif provdut fl-Artikoli 167 *et sequitur* tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12); u

2. hekk tikkundanna minnufih lis-socjeta' konvenuta thallas lill-atturi s-somma ta' ghaxar t'elef mitejn u sitta u hamsin lira Maltin u tlieta u tletin centezmu (Lm10,256.33), dovuta kif intqal fuq.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficcjali ta' Gunju, 2005, u tal-mandat ta' sekwestru prezentat kontestwalment, u bl-imghaxijiet ulterjuri sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta, ingunta ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni w in-nota tax-xhieda ta' l-atturi;

Rat illi c-citazzjoni giet debitament notifikata lis-socjeta' konvenuta li naqset li tipprezenta nota ta' eccezzjonijiet u

lanqas ma dehret fl-udjenza li ghaliha kienu msejha u hekk baqghet kontumaci;

Ezaminat l-atti tal-kawza;

Billi mill-provi mhux kontradetti, it-talba dedotta fic-citazzjoni tirrizulta pruvata.

Fil-kontumacja tas-socjeta’ konvenuta tiddeciedi billi tilqa’ t-talba ta’ l-atturi kif dedotta fic-citazzjoni bl-ispejjez kontra s-socjeta’ konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------